StudentBounty.com

Kulleġġ Santa Tereża
PARVA PARVORUM PULCHRA

# SKEJJEL PRIMARJI

# EŻAMI TA' NOFS IS-SENA 2009

| | | |
|---|---|---|
| IR-RABA' SENA | MALTI (FEHEM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 20 minuta |

**Karta tal-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija tal-eżami tal-Malti (Fehem mis-Smigħ)**
**Riżorsi:**

**1.** Test li jinqara
**2.** Karta tal-mistoqsijiet
**3.** Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• ser tinqralhom l-istorja "**Teżor Moħbi**"<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sinjal ħdejn taħt it-tweġiba t-tajba | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

# TEŻOR MOĦBI

Darba kien hemm missier li kellu tliet ulied kbar li kienu għażżenin u ma j
jagħmlu xejn. Il-missier kien jaf li sakemm kien għadu ħaj, it-tfal kellhom bie
jgħixu, iżda meta hu jiġi nieqes ma jafx x'kellu jsir minnhom.

Raba' kellu biżżejjed għalihom, u kieku kellhom joqogħdu fuqu kellhom imnejn igħixu tajjeb it-tlieta, iżda għalxejn kien jgħidilhom biex jagħtu daqqa ta' id, għax kienu moħħ ir-riħ, u l-missier kellu jinqeda dejjem bil-barranin.

Għodwa waħda, il-missier ma satax iqum mis-sodda. Kien marid. Sejħu lit-tabib u dan qal li kellu marda li kienx sejjer jeħles minnha.

Għela l-imsejken ta' missier bil-mewt li kienet riesqa fuqu hekk malajr, iżda l-ikbar qasma ta' qalb li kellu kienet dik li ma jafx x'kien sejjer jiġri mit-tliet ulied li kien sejjer iħalli warajh, għax kien jaf li dawk qatt biss ma għamlu xejn.

Meta ħass in-nifs jonqsu sewwa, sejjaħ 'l uliedu ħdejn is-sodda, u qalilhom li ried jgħidilhom b'sigriet li kellu.

Dawk fetħu widnejhom biex jisimgħu sewwa, u l-missier qalilhom: "Uliedi, fir-raba' li sejjer inħallilkom għandkom issibu teżor moħbi".

"Fejnu, fejnu qiegħed?", qabżu qalu t-tliet għażżenin.

"Dalwaqt ingħidilkom," kompla l-missier, "iżda kunu afu li tridu tħaffru biex issibuh..." Hawn in-nifs spiċċalu, u l-imsejken ħarġet ruħu minn ġo gismu.

Wara l-mewt ta' missierhom, dawk it-tliet ulied qabdu z-zpapen u bdew iħaffru fond fir-raba' tagħhom, biex isibu t-teżor moħbi.

It-teżor ma sabuhx, imma tgħallmu jaħdmu, u meta żergħu l-għelieqi, u wasal żmien il-ħsad, kellhom x'jaħsdu tassew dik is-sena, wara taqliba bħal dik fil-ħamrija, li kien ilha snin kbar ma taraha.

Imbagħad fehmu x'ried jgħid missierhom qabel ma miet, meta qalilhom li fir-raba' hemm teżor moħbi, u baqgħu jbirkuh għat-tagħlima li tahom u li swiet ta' ġid għal ħajjithom kollha.

www.StudentBounty.com

StudentBounty.com

**Immarka d'dan is-sinjal ✓ ħdejn ot-tweġiba t-tajba.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kemm kellu ulied il-missier? | tnejn<br>erbgħa<br>tlieta<br>wieħed |
| 2. | Kif taf li kienu għażżenin? | għax kienu dejjem reqdin<br>għax ma riedu jagħmlu xejn<br>għax kienu l-ħin kollu jistrieħu<br>għax ma kinux iħobbu jimxu |
| 3. | Fejn xtaqhom jaħdmu missierhom? | fl-għalqa tiegħu<br>fil-ħwienet<br>f'xi fabbrika<br>fuq il-baħar |
| 4. | "Kienu moħħ ir-riħ" tfisser li | kienu nteressati fit-temp<br>kienu nqabdu f'riħ qawwi<br>kien ħsiebhom fil-ħmerijiet<br>ma kellhomx kwiet |
| 5. | Lil min kien iqabbad il-missier biex isir ix-xogħol? | Lil uliedu<br>Lis-sefturi<br>Lil ħbiebu<br>Lill-barranin |
| 6. | Għax ma setax iqum mis-sodda l-missier? | għax kien marid<br>għax kien għadu bin-ngħas<br>għax ma kellux aptit<br>għax kien għadu kmieni |
| 7. | Għaliex inkwieta l-aktar li se jmut? | għax ma xtaqx iħalli d-dar u x-xogħol<br>għax kien se jinfired mill-familja<br>għax ma kienx jaf x'ser isir minn uliedu<br>għax kien għex ħajja ħażina |
| 8. | Meta sejjaħ lil ulied ħdejn is-sodda? | Meta qam filgħodu<br>Meta ħass li wasal biex imut<br>Meta bagħat għat-tabib<br>Meta kien qed jidlam |

www.StudentBounty.com

9. Għaliex fetħu widnejhom biex jisimgħuh?

- għax riedu jaraw x'kien is-sigriet
- għax ma setgħux jisimgħuh sew
- għax kien hemm ħafna ħsejjes
- għax kienu jirrispettawh

10. X'kellhom jagħmlu biex isibu dan it-teżor?

- Kellhom imorru jfittxu fil-bogħod.
- Kellhom isibu mappa.
- Kellhom jistaqsu lil xi ħadd.
- Kellhom iħaffru fil-fond.

11. X'użaw l-ulied biex iħaffru fir-raba'?

- iz-zpapen
- il-gafef
- l-imnanar
- il-lasti tal-ħadid

12. X'għamlu meta ħaffru u ma sabiex it-teżor?

- Telqu r-raba'
- Żergħu l-għelieqi
- Irrabjaw għal missierhom
- Reġgħu għal ħajja ta' qabel

13. Għaliex kellhom ħafna x'jaħsdu dik is-sena?

- għax għamlet ħafna xita
- għax ma kienx hemm insetti li jagħmlu ħsara
- għax ħafna nies għenuhom
- għax il-ħamrija kienet ħadet taqliba tajba

14. X'kien it-teżor moħbi?

- deheb u fidda
- kaxxa bil-flus
- il-frott tar-raba'
- mapep antiki

15. Għaliex baqgħu ibierku lil missierhom?

- għax kien tahom tagħlima mportanti
- għax ħallielhom ħafna flus
- għax kien għex ħajja tajba
- għax kien rabbihom sew

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com